



Brussell, 18 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

**9253/22**

**SOC 275  
EMPL 172  
SAN 273**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Ħatra tas-Sur Chrysanthos SAVVIDES, membru supplenti għal Ċipru, minflok is-Sur Anastassios YIANNAKI, li rriżenja

---

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Anastassios YIANNAKI, bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għal Ċipru).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/C 218/01<sup>1</sup>, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern ta' Ċipru nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Mr Chrysanthos SAVVIDES  
Senior Labour Inspection Officer  
Department of Labour Inspection  
Ministry of Labour and Social Insurance  
1304 Nicosia, Cyprus  
e-mail: csavvides@dli.mlsi.gov.cy

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol; u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Abbozz ta' DEĊIJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post  
tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003<sup>2</sup> li tistabbilixxi  
Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-  
Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022<sup>3</sup> il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti  
tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li  
jintemm fit-28 ta' Frar 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Anastassios YIANNAKI, sar vakanti siġġu ta'  
membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern ta' Ċipru nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

---

<sup>2</sup> ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

## Artikolu 1

Is-Sur Chrysanthos SAVVIDES huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Anastassios YIANNAKI, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fī ...,

Għall-Kunsill

Il-President